MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1876/1997/1

**Arva Insurance Agency Limited u din in rappresentanza**
**tas-Socjeta` estera Maritime Insurance Company Limited**
**kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom**
**P. Cutajar & Co. Ltd.**

**v.**

**Air Malta Company Limited**

**Il-Qorti:**

## IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI

1. B’citazzjoni intavolata fil-21 ta’ Awissu 1997 is-socjeta` attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta` konvenuta garret il-merkanzija li kienet destinata ghall-assigurat ta’ l-attur nomine u waqt li din kienet fil-pussess u taht il-kontroll taghha din twaqqghet u jew gralha hsara, almenu hekk deher apparentement, u ghalhekk l-importatur u l-attur nomine riedu li tigi ezaminata bir-reqqa minn min ghandu l-esperjenza fil-mestjer sabiex tkun tista’ ssir claim valida kontra min garr l-istess makkinarju ossija s-socjeta` konvenuta; illi meta ntalab dan, is-socjeta` konvenuta, filwaqt li accettat li seta’ gara xi hsara fl-imsemmija makkinarju ma accettax li din tintbaghat lura l-Amerika sabiex tigi ezaminata, kif riedu l-atturi nomine u l-importatur stess u minflok, ghalhekk l-importatur gab Malta tekniku huwa stess li wara li ezamina l-makkinarju, ccertifika li nonostante li l-magna kienet giet manomessa mis-socjeta` konvenuta, fortunatament ma garrbitx hsarat interni, hlief li kellha danni fuq barra; illi l-atturi gew mitluba sabiex ihallsu lill-assigurat taghhom l-ammont li huma sborzjaw fi hlasijiet ta’ onorarju professjonali lit-tekniku li ngieb Malta kif ukoll l-ispejjez ancillari ghall-wasla tieghu f’Malta, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u d-danni li garrbet, kif fil-fatt ghamlu u ssurrogaw lid-ditta attrici fid-drittijiet taghhom kontra s-socjeta` konvenuta, liema somma s-socjeta` konvenuta pero` ma tridx thallas lis-socjeta` attrici; illi dan ir-rifjut da parte tas-socjeta` konvenuta li thallas ghal dawn id-danni huwa inspjegabbli stante li l-istess gew kawzati minhabba t-traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ hila fl-ezercizju tal-professjoni taghha stess; talbet lill-Qorti biex is-socjeta` konvenuta tigi dikjarata (1) unikament responsabbli ghall-hsarat u danni li sofra l-attur nomine konsistenti f’pagamenti li l-attur nomine nkorra fi flus verso l-assigurati tieghu billi hallashom kif kien doveruz, da parte tieghu, li ghandu jaghmel l-ammont li qieghed jigi issa, minnu reklamat minghand is-socjeta` konvenuta u li ghalihom gie surrogat kontra l-istess socjeta` konvenuta u (2) tigi kkundannata thallas lill-attur nomine dawk id-danni hekk likwidati u cioe` s-somma ta’ Lm984.84, kif ukoll l-

ammont ta’ Lm230 sbursati bhala survey fees, b’kollox is-somma ta’ Lm1214.84 kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ ittra legali u konsult ammontanti ghall-Lm20 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizjoni taghha.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

2. Is-socjeta` konvenuta eccepiet hekk.
Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda in kwantu ma gara l-ebda incident fil-kors tat-trasport fit-termini tal-kundizzjonijiet tal-garr u tal-Warsaw Convention;

Bla pregudizju ghall-premess is-socjeta` konvenuta ma tistax tigi ritenuta responsabbli ghal spiza konsegwenzjali u kapriccjuza meta dannu fil-merce trasportata ma rrizultax;

F’kull kaz qed tigi eccepita l-limitazzjoni tar-responsabilita` ghal dak li hu risarciment u dan skond kif mahsub fl-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta’ Varsavja.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B’sentenza taghha ta’ l-14 ta’ Novembru 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici u ordnat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma reklamata bl-imghax legali mid-data tac-citazzjoni u bl-ispejjez kollha.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

4.1. Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b’din id-decizjoni u minnha interponiet appell fuq l-aggravju konsisteni essenzjalment fin-nuqqas ta’ l-applikazzjoni tal-principji guridici idoneji ghall-fatti akkwiziti.

4.2. Fl-ewwel lok jigi notat illi l-ewwel Qorti donnha ppretendiet mis-socjeta` konvenuta, appellanti odjerna illi din ghandha tindikalha ghal liema parti mill-Warsaw

Convention ghandha tirreferi. Evidentement l-ewwel Qorti mhux biss ma ezaminatx din il-Konvenzjoni izda lanqas ma talbet kjariment minghand is-socjeta` appellanti dwarha, kieku hasset li dan kien mehtieg. B'konsegwenza galadarba sabet li "almenu" parti mill-claim tirreferi ghall-hsara fil-makkinarju, ergo, u quod erat demonstrandum, cahdet din l-eccezzjoni.

4.3. Issa tajjeb li jigi precizat illi l-Warsaw Convention mhix xi ligi stranjiera li allura, b'oneru, kien jinkombi fuq il-parti li tirreferi ghaliha, illi tipprovaha. Fl-ewwel lok din il-Konvenzjoni kienet giet estiza ghall-Malta mill-Gvern Kolonjali – ("The Carriage by Air Colonies, Protectorates and Trust Territories" Order, 1953) liema ligi baqghet fis-sehh anke wara d-dhul fis-sehh ta' l-Att XLIII ta' l-1972 dwar l-Avjazzjoni Civili. Aktar recenti l-Konvenzjoni giet ratifikata mill-Gvern Malti fis-27 ta' Jannar 1986.

4.4. L-Artikolu 18 ta' din il-Konvenzjoni jippreciza illi l-vettural ikun responsabbli fil-kaz ta' danni jew telf tal-merce "if the occurrence which caused the damage so sustained took place during the transportation by air", u cioe` meta jkunu fil-pussess ta' l-air carrier, kemm jekk fuq l-ajruplan jew fuq l-art. B'danakollu meta l-merce tghaddi fil-pussess ta' l-Awtoritajiet Doganali l-vettural ma jibqax aktar responsabbli. ("Favre Vs. Belgian State u Sabena" Qorti ta' l-Appell, Brussels, 10 Gunju 1950; "Cie Air Liban Vs Cie Air France", Qorti ta' l-Appell, Parigi, 31 Mejju 1956).

4.5. Dan stabbilit, mill-provi akkwiziti fil-process jirrizultaw s-segwenti aspetti ta' interess:-

a) Il-magna de quo kienet go kaxxa u kellha dent zghira fuq barra.

b) Din il-magna ma sofriet l-ebda hsarat u kienet tiffunzjona.

c) Skond ma xehed Brian Valenzia (seduta 26 ta' Mejju 1999) l-ammont reklamat kien jikkonsisti hekk:-

a) Lm460 fees ta' l-engineer migjub minn barra; Lm32 accommodation ghall-istess engineer, Lm192 travel

expenses dwar l-istess engineer; Lm300 ghall-hsarat. Kien hemm imbaghad Lm230 ‘survey fees’.

d) Id-‘dent’ jew daqqiet kienu kompatibbli mal-lifter (xiehda Joseph Seychell, seduta 26 ta’ Mejju 1999) meta l-merce kienet fil-kustodja tad-Dwana.

e) It-tiswija ma saritx izda semplicement inghata ‘discount’ lill-klijent mill-assikurazzjoni ta’ Lm300. Ara xiehda in kontro-ezami ta’ Saviour Ellul (seduta 22 ta’ Novembru 1999).

4.6. L-ewwel kostatazzjoni minn dawn il-provi huwa l-fatt illi l-ammont reklamat ma kienx kollu ta’ ‘survey fees’, kif donnha hekk intendiet l-ewwel Qorti.

Imbaghad l-istess Qorti uzat dan ir-ragonament:- “Jigi osservat li kieku wara li giet il-persuna minn barra rrizulta hsara ingenti jew ta’ certa entita` fil-magna li kien jinnecessita tiswijiet is-socjeta` konvenuta kienet tkun responsabbli mhux biss ghall-ispejjez tat-tiswija izda wkoll ghal dawk l-ispejjez kollha konnessi ma’ l-espert inkarigat.”

4.7. Fil-verita` dan l-argument jistona, valutati l-provi, ghaliex proprju l-magna ma garbet ebda hsarat u in effetti s-socjeta` attrici qed tirreklama l-ispejjez kollha konnessi ma’ l-espert inkarigat. Dan ma jistax hlief ifisser illi jekk accettat (sic) ir-ragonament ta’ l-ewwel Qorti s-socjeta` appellanti ma kellhiex tigi akkollata b’din l-ispiza.

4.8. Dan ighodd ukoll ghall-ispiza ta’ Lm300 ghall-allegati hsarat. L-ebda tiswija ma saret, kif konfermat mix-xhieda, u allura ghaliex is-socjeta` appellanti ghandha tigi akkollata b’din ir-ras tad-danni meta din is-somma kienet ekwiparata ghall-‘discount’ fl-arrangamenti bejn ir-ricevitur u s-socjeta` assikuratrici. Dan id-dannu, bhall-irjus tad-danni l-ohra, salv forsi ghas-‘survey fees’ (Lm230) ma ghandhomx ikunu rekuperabbli minghand is-socjeta` appellanti.

4.9. In materja ta' danni huwa pacifikament stabbilit illi "l-fatt biss tad-dikjarazzjoni tar-responsabbilita` ghad-danni ma jfissirx necessarjament li d-danni tassew jezistu". (<u>"Mckay Vs. Borg",</u> App. Civ. 28 ta' Jannar 1966).

Anzi "l-ligi trid li min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li <u>ragonevolment</u> (sottolinear ta' l-appellanti) jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu." (<u>"Carmelo Bugeja Vs. Lorenzo Cassar",</u> App. Civ. 1 ta' April 1966).

Il-logika guridika u l-gustizzja sostanzjali ma jridux u ma jirrikjedux illi l-allegat "danneggjant" jitghabba bi spiza zejda fejn din mhix konsentita.

Ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2001fil-kawza fl-ismijiet premessi – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA` ATTRICI GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA APPELLANTI</u>**

5.1. Is-socjeta` appellata wiegbet hekk:
(1.) Illi hija giet notifikata bir-rikors ta' l-appell tas-socjeta` konvenuta li ghalih qed issir din ir-risposta.
(2.) Illi s-socjeta` appellanti donnu qed tatribwixxi leggerezza lill-ewwel Qorti ghall-mod kif waslet ghall-konkluzjoni taghha dwar l-aspett ta' responsabbilita` tas-socjeta` appellanti – ara paragrafu 6 tar-Rikors ta' l-Appell.
(3.) Illi bir-rispett kollu dan mhux il-kaz u jekk wiehed ihares ftit lejn il-motivazzjoni tas-sentenza, u senjatament l-ahhar paragrafu ta' pagna 6 tas-sentenza appellata, malajr jara li kull ma qalet l-ewwel Qorti, fl-opinjoni tas-socjeta` appellata korrettement, kien li kien jispetta lis-socjeta` konvenuta appellanti li tipprova l-allegazzjoni taghha kif sottmess fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u dan l-obbligu taghha, l-istess socjeta` konvenuta appellanti ma ghamlitux. Dan huwa ragunament legali

sod u ripetut *ad nauseam* minn dawn il-Qrati ghax huwa il-pern ta' kull kawza.  Kwindi l-ewwel Qorti ma kellhiex u ma ghandhiex alternattiva ghajr li tiskarta u tichad l-istess eccezzjoni una volta li dak hemm kontenut ma giex sorrett mill-provi.

5.2.  Is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-merce tas-socjeta` assigurata ghaddiet minn idejn is-socjeta` appellanti ghal ghand l-awtoritajiet doganali u l-incident gara meta l-istess merkanzija kienet f'idejn l-istess dogana u ghalhekk is-socjeta` appellanti ma setghetx kienet responsabbli.  Apparte li bir-rispett kollu l-Artikolu 18 tal-Warsaw Convention ma jghid xejn minn dak li qed jigi sottomess mill-appellanti jibqa' l-fatt li mill-provi prodotti ma rrizultax li l-merkanzija kienet ghaddiet minn idejn is-socjeta` appellanti f'idejn l-awtoritajiet doganali kif sottomess mill-appellanti.  Xi prova gabet is-socjeta` appellanti sabiex issostni din l-affermazzjoni taghha?  Bil-maqlub ghal dak sottomess, jekk wiehed jaqra dak li qal Lawrence Schembri, li gie prodott mis-socjeta` konvenuta stess u <u>li kien jokkupa l-kariga ta' "manager cargo"</u>, jasal ghall-konkluzjoni wahda u cioe` li l-istess merkanzija sofriet hsara meta kienet ghadha fil-pussess tas-socjeta` konvenuta appellanti stante li gara li gara meta l-merkanzija kienet jew sejra ghal gol-warehouse taghhom jew meta kienet fil-warehouse.  Kwindi s-sottomissjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti fuq dan il-punt, bir-rispett kollu, ma treggiex u ma ghandhiex tigi milqugha.

5.3.  Illi kwantu ghas-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti dwar kemm l-ammont pretiz kif ukoll dwar il-limitazzjoni tar-responsabbilita` ai termini ta' l-Artikolu 22 ta' l-istess Konvenzjoni, is-socjeta` appellata taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti kif spjegati dettaljatament a pagna 7 u 8 ta' l-istess sentenza u a skans kemm ta' ripetizzjoni u jew ta' plegjarizmu taghmilhom taghha u tissottometti bl-akbar rispett illi l-istess sottomissjonijiet m'humiex sostnuti la fattwalment u lanqas legalment u ghaldaqstant ghandhom ukoll jigi rigettati bl-ispejjez.

Dan kollu premess, dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti biex b'hekk it-talbiet attrici jigu milqugha wara li l-eccezzjonijiet kollha jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Dan l-appell jirreferi ghal azzjoni ta' danni riferibbilment ghal apparat ta' l-istampar jew ahjar "*Printing Plate Equipment*" trasportat mis-socjeta` appellanti u mqieghed in depost f'wiehed mill-"*istores*" tas-socjeta` konvenuta sakemm l-assikurat tas-socjeta` appellata baghat burdnar biex jirtirah minghand l-Air Malta. Id-danni pretizi mill-appellant gew ikkwantifikati ghall-ammont globali ta' Lm1,214.84c, maghmul minn Lm984.84c in linea ta' danni diretti, oltre l-ammont addizzjonali fis-somma ta' Lm230 dovuta bhala "*survey fees*".

Is-socjeta` konvenuta appellanti qeghda titlob ir-revoka tas-sentenza moghtija kontriha mill-ewwel Qorti. Ghalkemm l-aggravji jiccentraw kwazi ghal kollox fuq il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni, bil-mod kif giet dedotta t-talba tas-socjeta` appellanti jidher li halliet ukoll miftuha l-possibbilita` ta' revizjoni tat-talba rigwardanti t-talba dwar responsabbilta`.

7. Il-fatti tal-kaz in ezami huma pjuttost cari. In-nuqqas ta' qbil gej mill-fatt li l-partijiet, u b'mod specjali s-socjeta` konvenuta, ippreferew li joqghodu u jistriehu biss fuq fatti li b'xi mod isahhu l-posizzjoni rispettiva taghhom u fl-istess waqt jiskartaw fatti ohrajn li setghu ghenu ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza.

Mill-provi jirrizulta sufficjentement li l-apparat impurtat – deskritt bhala wiehed ta' natura sofistikata (fatt konvenjentement mhux accentwat mill-parti appellanti) – instab li kellu xi danni ("*dents*") fuq il-parti esterna tieghu. Minn ezami tac-certifikat rilaxxjat wara li saret spezzjoni fuq l-apparat *de quo* (ara Dok SE1, a fol. 16) hemm imsemmi "*some physical damages to two exterior plates*". Min-naha l-ohra, Lawrence Schembri "*Manager Cargo*" ma' l-Air Malta fid-data li sar ir-rilaxx ta' l-apparat

jikkoncedi li kienu jidhru xi "*dents*" jew "daqqa" fuq il-parti esterna ta' l-imballar (ara xiehda a fol. 87). Mis-"*Survey Report*" imbaghad – a fol 19 – 24 tal-process) jissemma' inter alia li "*the carton enclosing the insured's cargo was torn on three sides*" u li t-"*Tip-N-tell indicator was severely disturbed*".

8. Dwar responsabbilita`, gia` gie rilevat mill-Qorti li l-provi juru li dawn id-"danni" jew hsarat – apparti ghalissa jekk kellhomx ukoll rilevanza f'termini ta' valur pekunjarju – gew riskontrati ghall-ewwel darba qabel ma l-merkanzija giet mehuda minghand is-socjeta` konvenuta. Li proprjament gara huwa li nghad diskors fis-sens li din il-merkanzija nqalbet accidentalment waqt li ddahhlet ghal magazzinagg (dwar dan il-fatt il-Qorti sejra telabora ulterjorment) u l-burdnar mibghut mis-socjeta` li kienet ordnat il-merkanzija insista li qabel ma jirtira l-istess issir spezzjoni fuq il-post. Is-socjeta` importatrici baghtet xi nies biex jiehdu xi ritratti tal-merkanzija izda s-socjeta` konvenuta oggezzjonat ghal dan – ara "Intestatura 3" tas-*Survey Report*, a fol. 21 tal-process, ir-raba' u l-hames paragrafi).

9. Mela dan ifisser li fejn fir-rikors ta' appell is-socjeta` appellanti qaghdet tiddistingwi bejn hsarat li setghu gew ikkagunati mill-enti responsabbli mit-trasport tal-merkanzija (is-socjeta` Air Malta f'dan il-kaz) u dak li seta' gara wara r-rilaxx tal-merkanzija huwa kollu ragjonament fieragh u intiz biss biex jikkomplika l-vertenza inutilment u dan x'aktarx fi sforz biex b'xi mod kull pretensjoni tigi mbaghad respinta in forza tal-Warsaw Convention dwar it-trasport bl-ajru.

10. Dejjem dwar responsabbilta` inoltre jirrizulta li sar accenn f'parti mix-xiehda moghtija minn Joseph Seychell, "*accountant*" u nkarigat mix-"*Shipping*" mas-socjeta` importatrici P. Cutajar & Co., dwar diskors li allegatament sema' l-burdnar tas-socjeta` fis-sens li l-merkanzija *de quo* "waqghetilhom" (ara fol. 49) meta kienet qeghda fil-pussess ta' impjegati addetti ma' l-Air Malta. Evidentement in assenza ta' prova aktar soda u ammissibbli skond il-ligi tal-procedura, la l-ewwel Qorti u

lanqas din il-Qorti ma kienet ser tibbaza ruhha fuq deposizzjoni bhal din. Izda tali allegazzjoni dwar li l-merkanzija "waqghetilhom" f'xi stadju waqt li kienet fil-pussess tas-socjeta` konvenuta giet ikkoroborata minn Lawrence Schembri nnifsu, jigifieri mill-"Manager Cargo" tas-socjeta` appellanti. Di fatti, wara li dan isemmi li fuq il-merkanzija *de quo* kienet tidher daqqa esterna, huwa jelabora kif gej, (ara fol. 87 tal-process, paragrafu penultimu),
"Xhud: Il-probabilita` li gara (dak) illi rrifera lil 'P. Cutajar', li huwa l-klijent."

Dak li sehh wara wkoll ikompli jsahhah din it-tezi ghaliex li kieku tabilhaqq is-socjeta` konvenuta ma rriskontrat ebda "*dents*" jew "daqqa" fil-mument tar-rilaxx, zgur li hi ma kienitx sejra tidhol f'korrispondenza dwar il-merkanzija rigwardanti n-natura jew il-portata tal-hsara f'termini reali, imma kienet mill-ewwel tirrespingi kwalsiasi lment simili. Ghalhekk kull aggravju li b'xi mod huwa relatat ma' responsabbilita` qed jigi respint.

Dwar l-entita` tad-danni, is-socjeta` konvenuta qeghda tissottometti li darba li *in ultima analisi* gie kkostatat mis-"*surveyor*" migjub appozitament minn barra l-pajjiz li l-apparat ma nkorra ebda dannu reali, allura dan kien ukoll ifisser li s-socjeta` konvenuta ma kellha thallas xejn mill-ammonti reklamati mill-kontroparti appellata.

11. Din il-Qorti, wara li ezaminat dan l-aggravju, ma jidhrilhiex li ghandha hafna x'izzid ma' dak li, qabilha, gie elaborat u gustament ritenut mill-ewwel Qorti. Darba li gie stabbilit ness bejn l-agir ta' l-Air Malta tramite l-impjegati taghha u d-danni esterni li gew riskontrati fuq il-merkanzija mportata u mqeghdha fil-pussess taghha, ma jistax ukoll jinghad li s-socjeta` mportatrici agixxiet "kapriccozament" jew li din ippruvat "tghabbi" lid-danneggjant "bi spiza zejda fejn din mhix konsentita". Il-fatti juru illi li kieku s-socjeta` konvenuta debitament rrikonoxxiet mill-bidu nett li kien hemm xi htija da parti ta' l-impjegati taghha u, konformement ma' dan, kompliet biex tikkopera mas-socjeta` importatrici – imqar 'bla pregudizzju' – biex "*a tempo vergine*" jigu kkostatati oggettivament x'danni

setghet garrbet il-merkanzija, l-ezitu tal-vertenza in ezami ma kenitx forsi tispicca f'litigju gudizzjarju. L-attitudini li, invece, hadet is-socjeta` konvenuta kien wiehed ambivalenti – fl-istess nifs li hija rrespingiet kull talba li saritilha dwar danni li setghu gew kagjonati lill-apparat importat, fl-istess waqt ippretendiet ukoll li d-danneggjat ma jiehu ebda pass biex jigi stabbilit u accertat jekk effettivament u realment kienx hemm xi dannu iehor fuq il-merkanzija impurtat oltre dak li kien jirrizulta *ictu oculi*. Issa li kieku rrizulta li dan il-pass gie intrapriz mis-socjeta` importatrici b'mod kapriccjuz jew fuq pretest effimeru, allura f'dak il-kaz, is-socjeta` appellanti kien ikollha ragun li tiddeklina u titlob li ma tigix imgeghla taghmel tajjeb ghall-ispejjez talvolta inkorsi biex issir id-debita cerzjorazzjoni f'cirkostanzi bhal dawn. Izda l-kaz in ezami kien wiehed differenti. Si trattava hawn ta' incident li fih irrizulta li l-merkanzija twaqqghet fil-kors ta' garr, meta kienet ghadha fil-pussess tas-socjeta` konvenuta u li *ictu oculi* dehru xi "*dents*" esterni fuq il-"*packing*" taghha. Dan il-fatt kien juri li fir-realta` kienet grat xi haga lill-merkanzija *de quo* li mhux suppost grat, u li dan kollu sehh b'tort tas-socjeta` konvenuta. Biex allura jigi kkostatat fic-cert jekk kienx hemm danni aktar minn dak li kien jidher esternament, kienet mehtiega li ssir spezzjoni minn espert tekniku – u fil-fatt hekk gara. Il-fatt imbaghad li, taht tali cirkostanzi, ma nstabux (fortunatament ghal kulhadd) aktar danni minn dawk esterni, ma jgibx il-konsegwenza li allura l-ispejjez relativi ghall-ispezzjoni kellu jbatihom id-danneggjat. Dan kien ikun il-kaz li kieku s-socjeta` appellanti ppruvat li hija bl-ebda mod ma kellha x'taqsam ma' l-incident li sehh fuq il-merkanzija. Kien dan l-incident li rrenda necessarja li ssir spezzjoni teknika u taghha ghandha taghmel tajjeb is-socjeta` konvenuta u hadd hliefha. Fi kliem aktar semplici – ghax minkejja sentenza tassew studjata kif moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad (u li ghaliha qeghda ssir hawn referenza, a skans ta' ripetizzjoni) is-socjeta` konvenuta baqghet donnha li ma fehmitx – id-danni reklamabbli mid-danneggjat f'kaz bhal dan ma kienux jikkonsistu biss fl-ispejjez talvolta inkorsi ghal tiswijiet li setghu saru u rifuzjoni ta' spejjez minfuqa ghax-xiri ta' "*parts*" izda kienu jikkomprendu wkoll spejjez

ohra li gew attwalment minfuqa b’rizultat dirett tal-htija u tan-nuqqas jew nuqqasijiet attribwibbli lid-danneggjant.

Ghalhekk ifisser li l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma infondati u qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------